# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Deċiżjoni Numru. 2561**

Każ Nru: 3585/ ET

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Mariette Estefan Arenas (ID : 0121289(A)

u

AR Management Limited

Illum : 8 ta' Novembru, 2018

*Dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta.*

**CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt.**

**Introduzzjoni, dikjarazzjonijiet tal-każ u fatti**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors mill-Avv Dr. Josephine Farrugia Mifsud f'isem ir-rikorrenti fit-18 ta' Settembru, 2017.

Ir-rikorrenti bdiet taħdem mas-soċjeta' intimata b'kuntratt indefinit datat l-1 t' Awwissu 2017, b'sitt xhur *probation* bħala *Shift Manager.*

Is-soċjeta' intimata tterminat l-impjieg fil-11 t'Awwissu, 2017, u stqarret dawn ir-raġunijiet: '*leaving work in few days of work, and left uncovered his place of work'.* (DOK MEA 1)

Illi skont il-kuntratt tax-xogħol hemm klawsola 3. 4. 3. fuq li meta r-rikorrenti tkun ma tiflaħx jew ikollha xi inċident din trid tavża lis-soċjeta' tal-inqas siegħa qabel jibda x-xift tax-xogħol. Skont ir-rikorrenti dan qatt ma ġie miksur.

Illi allura huwa ċar li r-raġuni tat-tkeċċija kienet it-tqala tar-rikorrenti u għall-ebda raġuni oħra.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qed titlob lit-Tribunal li jiddikjara tkeċċija inġusta u kumpens xieraq li jagħmel tajjeb għad-danni li sofriet l-istess rikorrenti.

Min-naħa tagħha s-soċjeta' intimata ddikjarat li l-ewwel nett ir-rikorrenti qed titlob biss kumpens u mhux li terġa' tiġi impjegata.

Illi t-terminazzjoni saret skont il-Liġi għax saret waqt iż-żmien ta' prova.

Dwar il-kumpens, skont is-soċjeta', ir-rikorrenti diġa' ħadet aktar milli kien mistħoqq għax ingħatat tnejn u għoxrin ġurnata *notice.*

Dwar it-tqala, s-soċjeta' ma kellhiex idea li r-rikorrenti kienet tqila għax ir-rikorrenti ma qalitx, u ma kinitx tidher, iżda dan hu kollu irrelevanti għaliex l-impjieg ġie tterminat waqt iż-żmien ta' prova.

Għaldaqstant it-Tribunal għandu jiċħad bl-ispejjeż it-talbiet tar-rikorrenti.

**Provi**

F'dawn il-proċeduri ġew ippreżentati żewġ Avvidavits tar-rikorrenti u tas-Sur Angelo Repoli – Direttur tas-soċjeta' intimata u ġew esebiti xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet u Deċiżjoni**

It-Tribunal għandu biex jikkunsidra jekk is-soċjeta' intimata kinitx ġusta u skont il-liġi li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti waqt iż-żmien ta' prova meta r-rikorrenti ħarġet tqila propju f'dan iż-żmien ta' prova.

It-Tribunal studja u analizza l-Affidavit tas-Sur Angelo Repoli u l-Affidavit tar-rikorrenti. It-Tribunal ried jagħraf il-*good faith* f'dawn iż-żewġ Affidavits kif ukoll id-dikjarazzjoniet tal-każ.

It-Tribunal studja wkoll is-*Subsidiary Legislation* 452.91 – *Protection of Maternity (Employment) Regulations.*

Ir-rikorrenti kellha kuntratt indefinit ta' xogħol datat 1 ta' Awwissu, 2017, u avżat lis-Sur Angelo Repoli li kienet tqila fid-9 ta' Awwissu, 2017, b'ċertifikat mediku li jindika li kienet tqila u bid-data tat-twelid indikata wkoll.

Is-Sur Angelo Repoli, bil-Liġi, f'każ bħal dan ried jagħti raġuni jew raġunijiet bil-miktub biex jiġġustifika li t-terminazzjoni mhix relatata mal-kundizzjoni tar-rikorrenti – *Subsidiary Legislation – Protection of Maternity (Employment) Regulations Section 12A.*

U fil-fatt għalhekk ir-rikorrenti marret għand it-Tribunal għax ħasset li r-raġuni mogħtija ma kinitx veritiera.

It-Tribunal eżamina r-raġuni mogħtija fil-*Letter of Dismissal* tas-Sur Repoli. F'din l-ittra r-raġuni tas-Sur Repoli kienet '*We can't permit that the person leaving work in few days of work and left uncovered his place of work.'*

It-Tribunal studja din ir-raġuni vis-a-vis il-provi li kellu f'idejh inkluż l-Affidavits, il-kuntratt tax-xogħol u l-Liġi u qed jiddeċiedi li ma kienx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex jiġi tterminat l-impjieg waqt iż-żmien ta' prova u li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti għax ħarġet tqila waqt iż-żmien ta' prova.

Għaldaqstant, it-terminazzjoni tar-rikorrenti kienet inġusta u li hemm lok li r-rikorrenti tingħata kumpens.

Il-kumpens qed jiġi stabbilit fl-ammont ta' tlett'elef ewro (€3,000), liema kumpens għandu jitħallas mis-soċjeta' intimata lir-rikorrenti fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

Għall-finijiet tal-kapitlu 452 tal-liġijiet ta' Malta rigwardanti d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet dawn qed jiġu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro u zbatax-il centezmu, (€93.17. )

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
CHAIRMAN

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja